



L-approċċ strateġiku tal-UE għall-Baħar l-Iswed

Mejju 2025

Għaliex viżjoni strateġika ġdida tal-UE?

L-Istrateġija tal-Baħar l-Iswed hija **l-viżjoni l-ġdida tal-UE** lejn **aktar sigurtà u stabbiltà**. Din se jisfrutta **l-potenzjal tar-reġjun għall-konnettività u t-tkabbir**, billi tgħaqqad l-Ewropa mal-Kawkasu tan-Nofsinhar, l-Asja Ċentrali, u lil hinn minnha.

Ir-reġjun huwa wieħed kritiku għas-sigurtà Ewropea u dik mondjali, għall-kummerċ internazzjonali, l-enerġija u s-sigurtà tal-ikel.

L-approċċ strateġiku tal-UE għar-reġjun tal-Baħar l-Iswed ser joħloq kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-**Ukrajna, ir-Repubblika tal-Moldova, il-Georgia, it-Turkija, l-Armenja u l-Ażerbajġan.**



Il-kooperazzjoni u l-investimenti fir-reġjun tal-Baħar l-Iswed se jkunu bbażati fuq **tliet pilastri ewlenin għall-ġejjieni ta' reġjun sikur, prosperu u reżiljenti:**

IS-SIGURTÀ, L-ISTABBILTÀ U R-REŻILJENZA



INIZJATTIVA EWLENIJA:

IS-SIGURTÀ MARITTIMA TAL- BAĦAR L-ISWED

- L-istabbiliment ta' **Ċentru tas-Sigurtà Marittima tal-Baħar l-Iswed**
- It-twettiq tat-tneħħija tal-mini, u l-iżgurar tas-**sigurtà u s-sikurezza marittima**
- L-iżgurar tal-**mobbiltà militari u l-infrastruttura b'użu doppju**
- L-indirizzar tat-**theddidd ibridu**
- Il-ġlieda kontra **l-kriminalità organizzata u t-traffikar**



IT-TKABBIR SOSTENIBBLI U L-PROSPERITÀ



INIZJATTIVA EWLENIJA:

AĠENDA TA' KONNETTIVITÀ

- It-tiħiħ tal-**kummerċ**, l-isfruttar tal-**konnettività diġitali**, tal-**enerġija u tat-trasport**
- It-trawwim ta' **żvilupp integrat**, l-isfruttar tal-**ekonomija blu**, l-**agrikoltura u l-enerġija rinnovabbli**, l-ixprunar tal-**innovazzjoni u t-tkabbir ibbażat fuq l-għarfien**



IL-PROTEZZJONI AMBJENTALI, IR- REŻILJENZA GĦAT- TIBDIL FIL-KLIMA U T-TĦEJJIJA GĦALIH U L-PROTEZZJONI ĊIVILI



INIZJATTIVA EWLENIJA:

IT-TIŠIĦ TAT- TĦEJJIJA TAL- KOMUNITAJET KOSTALI U TAS- SETTURI TAL- EKONOMIJA BLU

- L-indirizzar tad-**dannu ambjentali** li sar minħabba **l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna**
- Il-ħolqien ta' **kooperazzjoni xjentifika**, u l-espansjoni tal-monitoraġġ u l-iskambju tad-data
- It-tiħiħ tar-**reżiljenza ambjentali**, tal-ilma u **tat-tibdil fil-klima**
- L-iżgurar tat-**thejjiya** f'każ ta' xi diżastru, u **l-ġestjoni tiegħu**